MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2011

Citazzjoni Numru. 6/2011

**Vincent Grech (ID 561141M) u martu Mary sive Marion Grech (ID 768643M)**

**Vs**

**Cassar Weaving Limited (C 7191)**

Il-Qorti,

Permezz ta’ dan ir-rikors prezentat fis-7 ta’ Frar 2011, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu lill-qorti sabiex:-

1. Tinnomina ammonistratur provvizorju sabiex jamministra l-affarijiet tal-kumpannija Cassar Weaving Limited (C7191).
2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-kumpannija Cassar Weaving Limited m’hijiex thallas id-djun taghha u ilha f’dan l-istat sa mill-15 ta’ April 2010, u ghalhekk ghandha

tordna x-xoljiment u stralc tal-kumpannija skond l-artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Att dwar il-Kumpanniji.
3. Taghti kull provvediment sabiex jinhatar stralcjarju u jsir l-istralc tal-kumpannija.

Dan wara li r-rikorrenti ppremettew li b'kuntratt tal-10 ta' Lulju 2008 fl-atti tan-nutar Dr Elena Farrugia, is-socjeta' intimata kienet iddikjarat li hija debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta' wiehed u tmenin elf hames mija u tmienja u ghoxrin ewro (€81,528) li kellha tithallas fi tlett pagamenti ta' €27,176. S'issa sar biss l-ewwel pagament.

Jirrizulta li fil-15 ta' April 2010 ir-rikorrenti pprezentaw ittra ufficjali fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili li permezz taghha nterpellaw lis-socjeta' intimata sabiex thallas is-somma ta' €27,176[1]. Dan l-att gudizzjarju gie prezentat sabiex jirrendi ezegwibbli t-titolu ezekuttiv li ghandhom ir-rikorrenti, u li in forza tieghu r-rikorrenti ghad ghandhom jircievu zewg pagamenti ta' €27,176 kull wiehed, sussegwentement fuq talba tal-istess rikorrenti nhareg il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 970/2010[2] izda l-hlas baqa' ma sarx.

Rat id-dokumenti li kienu ezebiti mir-rikorrenti flimkien mar-rikors promotur.

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Frar 2011 fejn dan ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh ghas-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2011.

Rat li ghalkemm is-socjeta' intimata kienet debitament notifikata skond il-ligi ma pprezentatx risposta.

Semghet il-provi tar-rikorrenti fl-udjenza tal-15 ta' April, 2011.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

---

[1] A fol 10 tal-process
[2] A fol 12 tal-process

Rat il-provvediment taghha stess tal-15 ta' April 2011 fejn din il-qorti, kif diversament presjeduta, sabet diffikulta' fis-sens li *prima facie* jidher li talba ghal xoljiment u stralc ta' kumpannija ghandha ssir quddiem, tinstema' u tigi deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla. Ghaldaqstant ir-rikorrenti inghataw l-opportunita' li jghaddu l-kummenti taghhom dwar dan u nghataw l-opportunita' sabiex jirregolaw il-posizzjoni taghhom. Kwindi dan ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh.

Ikkunsidrat ;

**<u>Kompetenza</u>**

Illi l-ewwel ma jrid jigi deciz huwa jekk din il-qorti, in vista tad-diffikulta' mqajjma minnha stess fil-provvediment tal-15 ta' April 2011, ghandhiex kompetenza tiddeciedi dwar talba ghal xoljiment u stralc tal-kumpanija intimata ai termini tal-artikolu 214(2)(c) tal-Att dwar il-Kumpanniji.

Illi fis-seduta tat-23 ta' Gunju 2011 Dr Georgine Schembri ghar-rikorrenti ddikjarat li b'referenza gahd-diffikulta' li giet issollevata mill-qorti fid-digriet taghha tal-15 ta' April 2011 taghmel referenza ghall-artikolu 50(2)(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi specifikatament li l-Qorti tal-Magistarti (Ghawdex) Superjuri ghandha tiehu konjizzjoni ta' kwalunkwe kawza li taqa' fil-kompetenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili ghalhekk hija ma tarax lok li tirregola ruhha.

Illi huwa evidenti li r-rikorrenti pprocedew quddiem din il-qorti peress li l-kumpannija intimata ghandha *r-registered office* taghha fil-Gzira Ghawdxija.

Illi inoltre'l-artikolu 218 tal-Att dwar il-Kumpanniji[3] jipprovdi li talba lill-qorti ghal xoljiment u stralc ta' kumpannija skond l-artikolu 214(2)(a) ghandu jsir *"...b'rikors li jista' jsir jew mill-kumpannija wara decizjoni tal-laqgha generali jew mill-bord tad-diretturi taghha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji".*

[3] Kap 358

Illi l-artikolu 2 tal-Kap 358 (lex specialis) jipprovdi li l-kelma "qorti" tfisser il-Qorti Civili, Prim'Awla, li hija qorti superjuri u dan ai termini ta' l-artikolu 3 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi huwa minnu wkoll li l-artikolu 4 tal-Kap 12 jipprovdi li l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) hija qorti inferjuri.

Illi l-artikolu 32(2) tal-Kap 12 jipprovdi li :

*"(2) Il-Qorti Civili taqta' l-kawzi kollha ta' natura civili jew kummercjali, u dawk il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom".*

Illi pero' l-artikolu 50 tal-Kap 12 b'referenza ghall-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)  jipprovdi li :

*"50 (1) Bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 770 u 771, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), b'eskluzjoni tal-qrati ta' Malta, hija kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta' kull pretensjoni kontra l-persuni li joqoghdu jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja fil-Gzira ta' Ghawdex jew ta' Kemmuna, kif ukoll ta' dawk il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom dik il-qorti.*

*(2) Dik il-qorti hija maghmula minn magistrat wiehed, u ghandha zewg attribuzzjonijiet, jigifieri:*

*(a) attribuzzjoni inferjuri, illi bis-sahha taghha tiehu konjizzjoni tal-kawzi kollha tax-xorta ta' dawk illi, skond la-rtikoli 47 u 48, huma ta' kompetenza ta' magistrat ghall-Gzira ta' Malta; u*
*(b) attribuzzjoni superjuri, li bis-sahha taghha, bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, tiehu konjizzjoni tal-kawzi kollha tax-xorta ta' dawk illi, skond l-artikolu 32, huma ta' kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili".*

Illi ghalhekk bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 50(2)(b) jirrizulta li din il-qorti ghandha kompetenza sabiex tisma' u tiddeciedi dwar it-talbiet imressqa mir-rikorrenti. L-Att dwar il-Kumpanniji jipprovdi specifikatament li 'qorti' tfisser il-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Ghalhekk taqa' fil-parametri ta' dak li jiddisponi l-artikolu 32 tal-Kap 12 ossija li l-Prim'Awla tiehu konjizzjoni tal-kawzi civili jew kummercjali li l-ligi tghid espressament. Permezz ta' l-artikolu 50(2)(b) li huwa s-sub-artikolu li jaghti attribuzzjoni superjuri lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) , il-qorti tiehu konjizzjoni tal-kawzi kollha li skond l-artikolu 32 huma ta' kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Dan is-sub-artikolu jeskludi b'mod specifiku l-proceduri li jitrattaw id-drittijiet fundamentali tal-bniedem hekk kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi din il-qorti hija konfortata wkoll b'sentenza li nghatat mill-Onorabbli Qorti ta' Appell fl-ismijiet **Saviour Ellis pro et noe vs Rita Ellis et[4].** Din il-kawza kienet titratta proceduri ta' ritrattazzjoni wara sentenza li kienet tat l-istess Onorabbli Qorti fit-3 ta' Novembru 2009, li kienet ikkonfermat sentenza li tat il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali fl-4 ta' Frar 2009 liema kawza saret ai termini ta' l-artikolu 402 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

Illi skond l-artikolu 402 jekk, dwar rikors maghmul skond is-sub-artikolu (1) jew (2), il-'qorti' tkun tal-fehma li l-ilment ikun bazat sewwa u li jkun gust u ekwu li hekk taghmel, il-'qorti' tista taghmel ordni taht dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa. Meta l-ligi tghid 'qorti' f'dan il-kaz tfisser ukoll il-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Huwa minnu li l-vertenza odjerna mhiex ezercitata a tenur ta' l-artikolu 402 izda hija ezercitata abbazi ta' l-istess ligi. Ghalhekk m'hemmx dubju li din il-qorti fil-kompetenza taghha diga' hadet konjizzjoni tat-talbiet li saru permezz ta' rikors abbazi ta' l-Att dwar il-Kumpanniji. Il-Qorti ta' l-Appell ma sabet xejn x'ticcensura dwar dan u ghalhekk din il-qorti ma tarax

[4] App 2/08 deciza fis-16 ta' Novembru 2010

ghalfejn m'ghandhiex tiddeciedi dwar it-talbiet tar-rikorrenti u ghaldaqstant tiddikjara ruhha kompetenti biex tiddeciedi dwar it-talbiet tar-rikorrenti.

**Fil-mertu**

Illi dwar il-mertu tat-talbiet, din hija kawza fejn qed issir talba sabiex tordna x-xoljiment u l-istralc konsegwenti tal-kumpannija intimata skond l-artikolu 214 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta. It-talba qed issir mir-rikorrenti bhala kredituri tal-kumpannija ntimata.

Fil-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 214, il-ligi tghid liema huma c-cirkostanzi fejn il-qorti tista' xxolji kumpannija u tordna l-istralc taghha.

Fil-kaz odjern, ir-rikorrenti qeghdin jibbazaw it-talba tieghu fuq is-subinciz (ii) tal-paragrafu (a). Dan is-subinciz jiddisponi li kumpannija tista' tigi xjolta u stralcjata mill-qorti *"... jekk il-kumpannija ma tkunx tista' thallas id-djun taghha".*

L-artikolu 214(5) jistabilixxi meta kumpannija titqies li ma tkunx tista' thallas id-djun taghha ghall-finijiet ta' l-artikolu 214(2)(a)(ii). Is-sub-artikolu (5) ghandu zewg subparagrafi izda dak relevanti ghall-mertu tal-vertenza odjerna huwa s-segwenti: *"jekk id-dejn dovut mill-kumpannija jkun baqa' ma thallasx ghal kollox jew f'parti wara erbgha u ghoxrin gimgha mill-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv kontra l-kumpannija b'xi wiehed mill-atti ezekuttivi msemmijin fl-artiklu 273 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili".*

Illi referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Axel Johnson International Ab vs Aluminium Extrusions Limited**[5] li rriteniet:

*'Hu car mill-ligi li taht is-subartikolu 214(1)(a) il-Qorti 'may' exercise its discretion in determining whether dissolution and winding up should occur. Il-Qorti ghalhekk*

---

[5] Rik Nru: 145/2000GV deciza fit-28 ta' Mejju, 2003

*trid tezamina jekk is-sitwazzjoni tal-kumpannija hija tali li tiggustifika s-soluzzjoni li dina tigi wound up jew jekk ghad hemmx il-possibilita' li l-kumpannija tista' terga' topera fil-vicin u thallas id-djun taghha. Il-Ligi tghid li l-kumpannija tigi likwidata if it is proved to the satisfaction of the Court that the company is unable to pay its debts, account being taken also of contingent and prospective liabilities of the company. Din ta' l-ahhar kondizzjoni tista' tigi verifikata permezz tal-balance sheets wara li jigi kunsidrat jekk l-assets are less than its liabilities. Izda 'it is not sufficient for the company to be able to meet its current obligations if its total liabilities can ultimately be met only by the realisation of its assets over a lengthy period (Re: European Life Assurance Society 1869 LR 9 Eq 122). Ghalhekk m'hemmx raguni ghaliex il-kredituri ghandhom joqoghdu jistennew sakemm il-kumpannija tbiegh l-assets taghha biex forsi xi darba jithallsu'.*

Mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:-

1. Permezz ta' kuntratt ta' l-10 ta' Lulju, 2008 fl-atti tan-Nutar Elena Farrugia, is-socjeta' intimata ddikjarat ruhha certa u likwida debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta' €81,528 li kellha tithallas fi tlett rati ta' €27,176, l-ewwel wiehed mal-konsenja mat-trasferiment tal-hanut Shop E, Carts Street, Valletta, it-tieni pagamaent fi zmien sena minn tali trasferiment u t-tielet pagament fi zmien sentejn minn tali trasferiment.

2. It-trasferiment tal-hanut imsemmi sar fl-10 ta' Lulju, 2008 u l-kumpannija intimata hallset l-ewwel pagament ta' €27,176 skond it-termini tal-kuntratt. Il-hanut baqa' qatt ma nfetah[6].

3. Fl-10 ta' Lulju, 2009 sar dovut it-tieni pagament ta' €27,176 izda din is-somma ma thallsitx nonostante diversi weghdiet tas-socjeta' intimata u nonostante li giet interpellata diversi drabi, anki permezz ta' ittra ufficjali. Lanqas it-tielet pagament ta' €27,176 li sar dovut fl-10 ta' Lulju, 2010 ma thallas.

---

[6] Ara Xhieda ta' Marion Grech moghtija fil-15 ta' April, 2011

4. Dwar it-tieni pagament ta' €27,176 oltre' l-imghax intbaghtet ittra ufficjali lis-socjeta' intimata fil-15 ta' April 2010 sabiex tirrendi ezekuttiv il-kuntratt notarili[7], liema ittra giet notifikata lis-socjeta' intimata.

5. Ebda pagament ma sar mis-socjeta' intimata u dan anki kif jirrizulta mix-xhieda tar-rikorrenti li tat fil-15 ta' April 2011.

6. Ghaldaqstant intalab u inhareg il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 970/2010[8] ghas-somma kapitali u ghall-imghax akkumulat sal-prezentata tal-mandat.

7. Illi jirrizulta li s-sekwestratarji gew kollha notifikati bil-mandat ta' sekwestru ezekuttiv fil-15 ta' Gunju, 2010 ghalkemm ma jirrizultax li gie notifikat lill-kumpannija intimata.

8. Illi permezz ta' cedola ta' depozitu nru 861/10[9], l-HSBC Bank Malta plc iddepozitat is-somma ta' €1081.87b'dan illi sa l-ahhar ta' Jannar 2011, hija dovuta s-somma ta' €56,836.10 kif indikat fil-prospett ezebit mir-rikorrenti[10].

9. Jirrizulta izda li apparti dan id-depozitu, ir-rikorrenti ma thallsu xejn aktar mill-ammont dovut wara li l-istessipprezentaw mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 970/2010 kontra l-kumpannija intimata u dan kif ikkonfermat minn Marion Grech[11]. Jirrizulta minn a tergo fol 12 tal-process li l-mandat kien notifikat lis-sekwestratarji fil-15 ta' Gunju 2010, ghalkemm ma jirrizultax li kien notifikat lill-kumpanija intimata. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **In-Nutar Dr Roberta Bisazza LL.D. vs Invest BG Limited (C38756)**[12] ai fini tal-

[7] Dok B a fol 10 tal-process
[8] Dok C a fol 12 tal-process
[9] Dok D a fol 21 tal-process
[10] Dok E a fol 22 tal-process
[11] Xhieda tal-15 ta' April 2011.
[12] Rik Nru 871/2010JZM deciza fis-7 ta' Lulju 2011

applikazzjoni ta' l-artikolu 214(5)(a), il-fattur rilevanti huwa l-**ezekuzzjoni** ta' titolu ezekuttiv mhux in-notifika tieghu. Ghalhekk l-erbgha u ghoxrin gimgha bdew jiskattaw mid-data tal-ezekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru f'idejn is-sekwestratarji anke jekk il-kumpannija konvenuta baqghet mhux notifikata bil-mandat.

10. Min-nota ezebita mill-atturi fis-16 ta' Frar 2011 gie dikjarat minnhom li s-socjeta' intimata naqset li tipprezenta l-accounts taghha fis-sena 2010. Ghalhekk l-ahhar *audited accounts [abridged financial statements]* ipprezentati mal-MFSA mis-socjeta' intimata fit-8 ta' Novembru 2009 huma dawk li jkopru sal-perjodu tat-30 ta' Novembru 2008[13]. Dawn gew approvati u ffirmati mid-direttur tal-kumpannija intimata Anthony Cassar, u awtorizzati ghall-hrug fil-15 ta' Lulju, 2009.

11. Minn Dok MV2 li nhareg mis-sit Credit Info Malta mir-rikorrenti[14] jirrizulta li l-ahhar financial statements arkivjati fl-MFSA mill-kumpannija intimata huma dawk tat-30 ta' Novembru 2009 – li huma l-istess li gew ezebiti mir-rikorrenti.

12. Mill-istatements ezebiti jirrizulta li l-uniku direttur tal-kumpannija huwa Anthony Cassar.

13. Mill-abridged balance sheet jirrizulta li d-dejn tal-kumpannija jeccedi l-assi tal-kumpannija. Infatti jirrizulta li anke fis-sena 2007 l-assi tal-kumpannija kienu ferm anqas mid-debiti u fis-sena sussegwenti d-dejn kompla jizdied.

14. Jirrizulta li d-dejn tal-kumpannija sad-data tal-accounts kien ta' €2,079,693. Mhux hekk biss izda jirrizulta wkoll li l-kumpannija dahlet bhala garanti mal-Lombard Bank Malta plc fl-ammont fl-ammont ta' €978,337 b'referenza ghal facilitajiet bankarji li nghataw lill-kumpanniji relatati maghha[15].

---

[13] A fol 30 tal-process
[14] A fol 80 tal-process
[15] A fol 42 tal-process

15. Minn tali statements ma jirrziultax li l-kumpannija ghandha xi proprjeta' immobiljari izda ghandha xi ishma fi tlett socjetajiet ohra.

16. Fis-seduta tal-15 ta' April 2011 Dr Simone Grech iddikjarat li mill-ahhar differiment saru ricerki biex jigi stabbilit jekk il-kumpannija intimata hiex proprjetarja ta' immobbli, jidher li r-ricerka hi negattiva, madankollu hi giet infurmata mill-avukat Zammit Maempel li qed jassisti wkoll lir-rikorrenti li s-socjeta' intimata ghandha ishma f'kumpaniji ohra u ghalhekk jista' jkun il-kaz li jekk l-ezekuzzjoni ssir fuq dawn l-ishma jkun hemm xi flus ghad-disposizzjoni tar-rikorrenti.

17. Il-kumpanija tidher li ghadha qeghda topera u infatti recentement harget applikazzjonijiet fuq is-sit tal-ETC biex timpjega nies part-time maghha.

18. Min-naha taghha l-kumpannija intimata la dehret permezz ta` rapprezentant taghha f`dawn il-proceduri u lanqas ressqet provi sabiex tfisser il-posizzjoni taghha, in partikolari sabiex tikkonvinci lil din il-Qorti li ma kenitx fi stat ta` insolvenza. Kwindi l-pretensjonijiet tar-rikorrent f`din il-kawza mhumiex kontradetti.

Illi mis-suespost din il-qorti tasal ghall-konkluzjoni li mill-provi akkwiziti rrizulta li l-kumpannija intimata baqghet ma hallsitx id-dejn taghha u rrizulta li d-dejn tas-socjeta' intimata jizboq bil-kbir l-assi taghha u kwindi l-istess socjeta' mhix f'qaghda li thallas id-djun taghha. Ghalhekk din il-qorti hija sodisfatta li rrizultaw l-elementi kollha li trid il-ligi sabiex tipprocedi ghax-xoljiment u stralc tal-kumpannija intimata skond l-artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Kap 356.

Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-qorti filwaqt li tiddikjara li hija kompetenti biex tiddeciedi din il-kawza, tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti kif gej :

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba tar-rikorrenti.

2. Tilqa’ t-tieni talba u tiddikjara u tiddeciedi illi l-kumpannija Cassar Weaving Limited (C 7191) mhix f’qaghda li thallas id-djun taghha u tordna x-xoljiment tal-istess kumpannija b’effett mil-lum kif ighid il-proviso ta’ l-artikolu 223(1) tal-Kap 386 u tordna wkoll l-istralc taghha.

3. Tahtar lill-Avukat Dottor Paul Cachia bhala stralcjarju bis-setghat u d-dmirijiet kollha skond l-Art 228 et seq tal-Kap 386 b’dan illi l-istralcjarju ghandu wkoll, bla hsara ghall-generalita’ ta’ dawk is-setghat u dmirijiet –

i. wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpannija konvenuta kif irid l-art. 226 tal-Kap 386jaghmel rapport lill-Qorti kif irid l-artikolu 227 tal-Kap 386.
ii. jaghmel verifika dwar l-assi u d-djun tal-kumpannija konvenuta u dwar il-gradwazzjoni tad-djun.
iii. Jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-assi kollha tal-kumpannija konvenuta kif ighid u jrid l-artikolu 237 tal-Kap 386.
iv. Jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procediment legali iehor fl-isem u fl-interess tal-kumpannija konvenuta.
v. Jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien tal-assi tal-kumpannija konvenuta.
vi. Jipprezenta r-rapport tieghu mhux aktar tard minn tliet xhur mil-lum.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta’ April, 2010 u tal-mandat ta’ sekwestru ezekuttiv nru 970/2010 kontra l-kumpannija konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------